# RIŻORSA 3

## Id-depopolament tal-Irlanda



*Sors: London Illustrated News, 1851 © British Library*

Fis-seklu 19 u l-bidu tas-seklu 20 kien hemm migrazzjonijiet massivi ta' Ewropej lejn l-Istati Uniti biex jaħarbu mill-gwerer u mid-diffikultajiet politiċi u ekonomiċi

**Lhud jistennew barra uffiċċju tal-kumpanija tal-ivvjaġġar Palestine & Orient Lloyd, bit-tama li jemigraw mill-Ġermanja, 1939**




*Sors: © SZ Photo/Scherl/ Bridgeman Images*

Matul is-seklu 20, ir-reġimi totalitarji fl-Ewropa ġiegħlu lil miljuni jitilqu minn djarhom biex ifittxu s-sigurtà xi mkien ieħor

**Marokkini u Alġerini għaddejjin mid-dwana f'Marsilja, 1945**




*Sors: Hulton-Deutsch Collection © CORBIS RM / Belgaimage*

Wara l-ħerba tat-Tieni Gwerra Dinjija, l-Ewropa kienet tiddependi ħafna fuq il-ħidma ta' migranti esterni biex kontinent imfarrak jinbena mill-ġdid

**Familja ta' ħaddiema barranin mit-Turkija waqt li jħejju l-ikla tagħhom ta' filgħaxija, il-Ġermanja, 1971**



*Sors: Bettmann © CORBIS RM / Belgaimage*

Ħafna ħaddiema barranin stabbilixxew irwieħhom fil-lokalitajiet il-ġodda tagħhom u saru ċittadini tal-pajjiżi ospitanti

**Heinz Meixner mal-għarusa tiegħu u ommha, Frau Thurau, juru kif qagħdu ġol-Austin-Healey Sprite tiegħu biex jgħaddu l-ħajt ta' Berlin fl-1965**




*Sors: International Business Times © Getty Images*

F'Ewropa li damet maqsuma sal-1991, eluf ta' nies issugraw ħajjithom biex jaħarbu mil-Lvant għall-Punent bit-tama ta' futur aħjar

Oħloq storja fittizja dwar persunaġġ ibbażat fuq wieħed minn dawn ir-ritratti, filwaqt li żżomm f'moħħok dan li ġej:

- Agħti isem u pajjiż ta' oriġini lill-persunaġġ tiegħek.
- Għaliex qed jemigra l-persunaġġ tiegħek?
- Liema żewġ oġġetti essenzjali qed jieħu miegħu għall-vjaġġ, u għaliex?
- X'se jiddispjaċih li ħalla warajh?